MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2013

Appell Civili Numru. 9/2012

**Denis u Tania konjugi Muscat**

**vs**

**Vodafone Malta Limited**

Il-Qorti

Rat li fit-30 ta' Mejju 2012 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ta’ s-segwenti decizjoni fl-kawza fl-istess ismijiet premessi:-

*“It- Tribunal*

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Awissu, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni fl-ammont ta' hames mija sebgha u disghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€597.55), minn liema*

*ammont, mitejn sebgha u sittin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€267.55) huma rapprezentanti l-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti, filwaqt li tliet mija u tletin Ewro (€330.00) huma rapprzentanti danni morali sofferti da parti tar-rikorrenti, u dana kollu minhabba nuqqas ta' servizz tajjeb mis-socjeta' ntimata.*

*Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

*Ikkonsidra s-segwenti:*

*Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-*

*Darba huwa (Denis Muscat) ircieva telefonata minghand is-socjeta' ntimata rigwardanti offerta u meta huwa wera interess, is-socjeta' ntimata rrangat sabiex is-'sales rep' taghha, Mark Ciantar, izur ir-rikorrenti sabiex jispjega din l-offerta f'iktar dettal.*

*Ir-rikorrent kien klijent tal-'GO', pero' huwa ma hax servizz tajjeb minghand din il-kumpanija, u ghalhekk huwa waqqaf dan is-servizz u minnflok, sar klijent tas-socjeta' ntimata a bazi ta' 1-imsemmija offerta. L-ewwel domanda li r-rikorrent kien ghamel lil Mark Ciantar kienet jekk huwa kien ser ikollu servizz madwar id-dinja, fejn ir-risposta kienet fl-affermattiva u li s-servizz tas-socjeta' ntimata madwar id-dinja kienet tinghata permezz ta' satellita. Ir-rikorrent, specifikament informa lil Mark Ciantar illi huwa kien ser isiefer lejn Costa Rica u li kellu bzonn is-servizz tal-'mobile' bl-'internet' ukoll. Mark Ciantar kien assigurah illi ma kienx ser ikollu 1-ebda problemi. Ghalhekk, ir-rikorrent kien accetta s-servizz tas-socjeta' ntimata fejn kien ha 1-offerta tal-'blackberry' u l-mara kienet hadet is-servizz fejn thallas kull xahar.*

*Ir-rikorrenti kienu staqsew sabiex jinghataw 'manual' bl-istruzzjonijiet, pero' s-socjeta' ntimata kienet qaltilhom illi ma kellhiex dak il-hin pero' li kienet ser tkellem xi ufficjal sabiex huma jinghataw il-'manual' rikjest. Wara xi granet, ir-rikorrenti kienu cemplu lil Mark Ciantar ghal dan il-'manual', fejn ir-risposta kienet illi ma kienx ghad fadlilhom dawn il-'manuals' u li jekk xtaqu, huma setghu jnizzlu l-kontenut ta' l-istess mill-internet.*

*Ir-rikorrenti kienu siefru lejn Costa Rica fi Frar, pero' ma setghu jaghmlu l-ebda kuntatt permezz tal-'mobile'. Din kienet bicca nkwetanti ghar-rikorrenti, stante li ma setghux jaghmlu kuntatt mal-membri familjari taghhom, u d-differenza fil-hin ta' sebgha (7) sieghat kienet tillimithom milli jaghmlu telefonati, specjalment meta telefonata maghmula mill-lukanda kienet tiswa hmistax ($15.00)-il Dollaru Amerikan. Nonostante l-fatt li r-rikorrenti kellhom l-'excursions' kollha bbookjati, huma tilfu gumata sabiex ifittxu xi kumpanija li kienet tbiegh 'SIM cards' jew 'cards' tal-'mobile'. Ir-rikorrenti ntbaghatu ghand hanut fejn xtraw tIiet (3) 'scratch phone cards' ghall-prezz ta' tnax ($12.00)-il Dollaru Amerikan ghal kull 'card'. Wara ftit, ir-rikorrenti rnexxielhom isibu hanut jismu 'ICE', fejn wara saghtejn jistennew, huma spjegaw il-problema taghhom u s-soluzzjoni li nghatat lilhom kienet illi kellhom jixtru 'card' b'numru lokali, ghalhekk huma xtraw 'SIM card' ghall-prezz ta' hamsin Dollaru Amerikan ($50.00). Wara li kienu xtraw 1-imsemmi 'SIM card', irrealizzaw illi ma setghux jibghatu 'SMS's' bil-'card', pero' setghu biss jaghmlu telefonati, liema 'card' spicca wara biss jumejn. Ir-rikorrenti kellhom juzaw ukoll is-servizz ta' l-'internet' ipprovduta mill-lukanda, ghall-prezz ta' ghaxar Dollari Amerikani ($10.00) ghal kull nofs siegha.*

*Is-servizz ta' l-'internet' kien servizz importanti hafna ghas-Sur Muscat, u dana minhabba n-natura tax-xoghol tieghu. Fil-fatt din kienet ir-raguni ghalfejn huwa kien ghazel l-offerta tal-'blackberry' minghand is-socjeta' ntimata.*

*Ir-rikorrenti kellhom jiddependu fuq is-servizz ta' l-'internet' ipprovdut mill-lukanda, u kellhom ukoll jixtru sitt (6) 'cards' sabiex ikunu jistghu jaghmlu telefonati, ghall-prezz ta'*

*hmistax ($15.00)-il Dollaru Amerikan ghal zewg (2) 'cards' u tnax ($12.00)-il Dollaru Amerikan ghal erbgha (4) 'cards' ohra.*

*Kien biss fis-17 ta' Frar 2011, u cioe' hamest (5) ijiem qabel ma kienu ser jirritomaw Malta, illi r-rikorrenti kellhom servizz limitat sabiex jaghmlu telefonati u jibghatu 'SMS's', pero' xorta wahda minghajr ebda access ghall-'internet'. Kien biss meta s-Sur Muscat induna li kien ircieva 'e-mail' minghand is-socjeta' ntimata rigwardanti l-fatt li setgha jara l-kont tieghu 'online' illi huwa ddecieda li jilmenta mas-socjeta' ntimata rigwardanti l-problemi kollha li kellu meta kien imsiefer.*

*Ir-rikorrenti hassew ruhhom aggravati b'dan in-nuqqas ta' servizz da parti tas-socjeta' ntimata, u ghalhekk ihossu illi ghandhom jigu kkompensati billi: (a) jitterminaw kull kuntratt ezistenti mas-socjeta' ntimata u jigu rifuzi kull ammont li huma hallsu lis-socjeta' ntimata sa issa; (b) jigu rifuzi*
*l-ispejjez kollha inkorsi minnhom; (c) jigu kkompensati ghall-hin kollu li tilfu u ghall-inkonvenjent ikkawzat lilhom. Ihossu wkoll illi s-socjeta' ntimata missha nformathom bil-problema li kien ser ikollhom bis-servizz tas-socjeta' ntimata gewwa Costa Rica.*

*Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' 'e-mail' li huma baghtu lil Paul Ellul (socjeta' ntimata) datata 18 ta' Gunju 2011, rendikont ta' l-ispejjez inkorsi minnhom gewwa Costa Rica, kopja ta' ittra mibghuta mir-rikorrenti lis-socjeta' ntimata datata 25 ta' Frar 2011, kopja ta' ittra risponsiva mibghuta minn Kevin O'Neill (socjeta' ntimata) datata 22 ta' Marzu 2011, kopja ta' ittra mibghuta mir-rikorrenti lis-socjeta' ntimata datata 8 ta' April 2011, kopja ta' ittra risponsiva mibghuta minn Kevin O'Neill (socjeta' ntimata) datata 19 ta' April 2011.*

*Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi.-*

*It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigu michuda f1-intier taghhom stante li:-*

*1. Illi s-socjeta' ntimata ma tistax tinzamm responsabbli ghal cirkostanzi li kienu "beyond our reasonable control". Minn naha tas-socjeta' ntimata jinghad li servizz ta' roaming ma' Costa Rica kien hemm u jekk ir-rikorrenti ma setghux jaqbdu mar-roaming partner (ICE), dik kienet problema li kienet tirrizulta "beyond our reasonable control".*

*2. Illi oltre dan, it-terms and conditions tas-socjeta' ntimata stess jispecifikaw li l-istess socjeta' ma tistax tinzamm responsabbli fkazijiet simili, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*3. Illi dwar dak li qed jigi allegat mill-esponenti u cioe' li l-email taghhom datata 18 ta' Gunju 2011 qatt ma giet risposta, jinghad illi giet fil-fatt risposta tramite id-Dipartiment tal-Konsumatur u dan peress li l-esponenti kienu ntavolaw l-ilment taghhom.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad li l-esponenti ghandhom jezebixxu d-debiti rcevuti.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.*

*It- Tribunal jinnota illi:-*

*Wara li serna' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, u ziedu jghidu illi s-socjeta' ntimata kienet offrietilhom harnsin Dollaru Amerikan ($50.00) bhala kumpens u dana minghajr ebda pregudizzju, pero' huma ma accettawx. Stqarru illi t-'tour leader' taghhom, gewwa Costa Rica, kien informahom illi r-'reception' fl-inhawi ma kienx daqstant tajjeb u li wisq probabbli huma kien ser ikollhom 'reception' fuq il-'mobile phones' taghhom wara ftit ijiem li kienu qieghdin hemm. Stqarru wkoll illi minhabba n-nuqqas ta' reception, huma tilfu l-flus u dana minhabba n-natura tax-xoghol tas-Sur Muscat. Stqarru wkoll illi jekk is-socjeta' ntimata kienet qieghda toffri servizz ta' 'roaming' barra minn Malta, allura huma ppretendew illi kellhom jinghataw tali servizz. Barra*

*minn hekk, kien hemm nuqqas rampanti da parti tas-socjeta' ntimata.*

*Fuq talba ta' dan it-Tribunal, ir-rikorrenti ezebew dokument li jindika rendikont tal-pretenzjonijiet taghhom, li gie mmarkat bhala Dok.DMI.*

*It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u Paul Ellul bhala rapprezentant tas-socjeta' ntimata stqarr illi tali socjeta' ntimata kienet offriet l-ammont ta' mitejn disgha u hamsin Ewro .(€259.00) bhala kumpens lir-rikorrenti. Stqarr ukoll illi s-socjeta' ntimata kienet baghtet 'SIM cards' lill-kumpanija 'ICE' gewwa Costa Rica ghal testijiet sabiex jaraw jekk is-servizz jahdimx jew le, liema testijiet irrizultaw fl-affermattiv.*

*Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumenti li juru r-'roaming' ma' Costa Rica, li gew immarkati bhala Dok.VDI, u ezebiet ukoll ittra li ntbaghtet lir-rikorrenti minghand is-socjeta' ntimata rigwardanti is-servizzi illi huma kienu hadu minghand is-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.VD2.*

*Ghal dawn il-motivi:*

*It- Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi r-rikorrenti ma ppruvaw jaghmlu assolutament xejn sabiex s-sitwazzjoni sfortunata li sabu rwiehhom fiha titranga, billi, fuq ammissjoni taghhom stess, irrizulta ampjament car illi meta kienu gewwa Costa Rica, u cioe' fil-perjodu meta kienu qed jiffaccaw il-problema mertu ta' din il-kawza, huma qatt ma ppruvaw jaghmlu l-ebda tip ta' kuntatt mas-socjeta' ntimata sabiex jaghmlu l-ilment taghhom; u flimkien mal-fatt ukoll illi rrizulta b'mod car mill-provi li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata, liema socjeta' anke li kieku kien hemm xi nuqqas da parti taghha ma kienet qatt inghatat l-opportunita' sabiex hija tirrimedja l-problema; it-Tribunal jinnota illi madanakollu s-socjeta' ntimata kienet offriet l-ammont ta' mitejn disgha u hamsin Ewro (€259.00) bhala kumpens ghal danni sofferti mir-rikorrenti*

*ghalkemm tali offerta saret minghajr pregudizzju, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' mitejn disgha u hamsin Ewro (€259.00) u tordna lis-socjeta' ntimata thallas tali ammont lir-rikorrenti, u dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha."*

Rat li s-socjeta' konvenuta Vodafone Malta Limited hassitha li giet aggravata bl-imsemmija sentenza u interponiet appella minnha quddiem din il-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmija socjeta' konvenuta fejn gie sottomess:-

Illi b'avviż ippreżentat fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur fit-tnax (12) ta' Awissu 2011 l-atturi konjuġi Muscat wara li allegaw illi huma ma kinux ħadu servizz tajjeb mingħand is-soċjetà konvenuta appellanta talbu illi s-socjetà konvenuta appellanta tiġi kkundannata tħallashom s-somma ta' ħames mija u sebgħa u disgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€597.55) rappreżentanti in kwantu għall-ammont ta' mitejn u sebgħa u sittin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€267.55) rappreżentanti spejjes inkorsi mill-atturi u in kwantu għal tliet mija u tletin ewro (€330.00) rapprezentanti danni morali minnhom sofferti.

Illi s-soċjetà konvenuta appellanta permezz tar-risposta tagħha ippreżentata fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2011 eċċepiet hekk:

It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom stante li:-

Illi s-soċjetà intimata ma tistax tinżamm responsabbli għal ċirkostanzi li kienu "beyond our reasonable control". Minn naħa tas-soċjetà intimata jingħad li servizz ta' roaming ma' Costa Rica kien hemm u jekk ir-rikorrenti ma setgħux jaqbdu mar-roaming partner (ICE), dik kienet problema li kienet tirriżulta "beyond our reasonable control".

Illi oltre dan, it-*terms and conditions* tas-soċjetà ntimata stess jispeċifikaw li l-istess soċjetà ma tistax tinżamm responsabbli f'każijiet simili, u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.

Illi dwar dak li qed jiġi allegat mill-esponenti u ċioè li l-email tagħhom datata 18 ta' Ġunju 2011 qatt ma ġiet risposta, jingħad illi ġiet fil-fatt risposta tramite id-Dipartiment tal-Konsumatur u dan peress li l-esponenti kienu ntavolaw l-ilment tagħhom.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad li l-esponenti għandhom jesebixxu d-debiti riċevuti.

Bl-ispejjes kollha kontra r-rikorrenti.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Illi l-attur Denis Muscat wara li ġie avviċinat mis-soċjetà konvenuta appellanta dwar offerti ta' servizzi telefoniċi għażel li jibdel is-*service provider* tiegħu minn GO għal Vodafone peress li huwa ma kienx kuntent bis-servizz li kien qiegħed jingħata minn GO;

Illi qabel iffirma l-kuntratt relattiv mas-soċjetà konvenuta appellanta l-istess attur Denis Muscat staqsa lir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta appellanta dwar jekk kienx ser ikollu servizz internazzjonali ta' *mobile* u *internet* ossia ta' *roaming* inkluż f'Costa Rica, liema rappreżentant wieġeb fl-affermattiv;

Illi fi Frar tas-sena 2011 l-atturi siefru ġewwa Costa Rica u waqt li kienu hemmhekk affaċjaw diversi problemi fir-roaming bil-konsegwenza li ma kellhomx servizzi tal-*mobile* u tal-*internet*;

Illi madanakollu l-istess atturi fl-ebda ħin ma fittxew jew talbu l-għajnuna tas-soċjetà konvenuta appellanta – liema fatt huwa ukoll ammess mill-istess atturi konjuġi Muscat – u kien biss wara li huma irritornaw Malta illi avviċinaw lis-soċjetà konvenuta appellanta u talbuha tagħmel tajjeb

għall-ispejjes minnhom inkorsi flimkien ma' ħlas ta' danni morali fl-ammonti fuq imsemmija;

Illi s-soċjetà konvenuta appellanta irrifjutat iżda purament bħala ġest ta' buona volontà u bil-għan li tevita prolongazzjoni tal-kwistjoni, mingħajr ma ammettiet tort, għamlet offerta ta' mingħajr preġudizzju ta' mitejn u disgħa u ħamsin ewro (€259.00), liema offerta giet rifjutata mill-atturi;

Illi sussegwentement l-atturi niedew proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur.

Illi b'senteza moghtija fit-30 ta' Mejju 2012 l-Onorabbli Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur iddecieda hekk: "*It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi r-rikorrenti ma ppruvaw jaghmlu assolutament xejn sabiex s-sitwazzjoni sfortunata li sabu rwiehhom fiha titranga, billi, fuq ammissjoni tagħhom stess, irrizulta ampjament car illi meta kienu gewwa Costa Rica, u ċioè fil-perjodu meta kienu qed jiffaccaw il-problema mertu ta' din il-kawza, huma qatt ma ppruvaw jaghmlu l-ebda tip ta' kuntatt mas-socjeta' ntimata sabiex jaghmlu l-ilment taghhom; u flimkien mal-fatt ukoll illi rrizulta b'mod car mill-provi li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta ntimata, liema socjeta' anke li kieku kien hemm xi nuqqas da parti taghha ma kienet qatt inghatat l-opportunita' sabiex hija tirrimedja l-problema; it-Tribunal jinnota illi madanakollu s-socjeta' ntimata kienet offriet l-ammont ta' mitejn disgha u hamsin Ewro (€259.00) bhala kumpens ghal danni sofferti mir-rikorrenti ghalkemm tali offerta saret minghajr pregudizzju, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' mitejn disgha u hamsin Ewro (€259.00) u tordna lis-socjeta' ntimata thallas tali ammont lir-rikorrenti b'dan illi kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.*"

Illi s-soċjetà konvenuta appellanta ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur fit-30 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet *Denis u Tania konjuġi Muscat vs Vodafone Malta Limited* u ghalhekk qed tinterponi dan l-umli appell.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

KSUR TAL-PRINĊIPJI TAL-ĠUSTIZZJA NATURALI

Illi l-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanta huwa dwar il-ksur tal-principji tal-ġustizzja naturali;

Illi l-Onorabbli Tribunal għal-Talbiet tal-Konsumatur jidher li immotiva d-deċizjoni tiegħu unikament fuq il-fatt illi s-soċjetà konvenuta appellanta sabiex il-kwistjoni tiġi sorvolata faċilment u bil-kwiet fi stadju qabel ma ġew mibdija l-proċeduri quddiem l-istess Tribunal kienet għamlet offerta lill-konjuġi Muscat ta' mitejn u disgħa u ħamsin ewro (€259.00), liema offerta saret strettament *mingħajr preġudizzju* (enfasi tas-soċjetà appellanta miżjud);

Illi minkejja li tali offerta saret f'kuntest ta' *mingħajr preġudizzju* mingħajr l-ebda ammissjoni ta' ħtija jew nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta appellanta u minkejja illi l-istess Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu jirrikonoxxi u jgħid bl-aktar mod ċar illi "*rrizulta b'mod car mill-provi li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta ntimata,*" madanakollu l-istess Tribunal ikkundanna lis-soċjetà konvenuta appellanta tħallas l-ammont ta' €259.00 minnha offert *mingħajr preġudizzju* fi stadju qabel inbdew il-proċeduri; Illi l-istess Tribunal mar oltre u anke ikkundanna lill-istess soċjetà konvenuta appellanta tbati l-ispejjes tagħha. (Enfasi tas-soċjetà appellanta miżjud).

Illi jiġi sottomess illi tali deċizjoni tat-Tribunal hija manifestament inġusta u bi ksur ċar tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u dana kif ser jiġi spjegat.

Illi huwa stabbilit fil-ġurisprudenza illi l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jimponu fuq Tribunal l-obbligu li huwa jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u għalkemm ġie ritenut diversi drabi anke minn dina l-Qorti tal-Appell, illi Tribunal m'huwiex obbligat jagħti spjegazzjoni dettaljata ta' dak illi ikun wasslu għad-deċiżjoni tiegħu, kwalunkwe

spjegazzjoni mogħtija għandha tkun waħda koerenti u konsistenti ma' dak illi ġie deċiż u mhux arbitrarja u bi ksur u distorzjoni ta' prinċipji legali ben stabbiliti bħal bir-rispett kollu lejn it-Tribunal, ġara fil-każ odjern.

Illi f'dana s-sens issir referenza għall-kawża fl-ismijiet *Anton Mario Sciberras vs Kummissarju tal-Pulizija* deċiża mit-Tribunal ra' Reviżjoni Amministrattiva fis-26 ta' April 2012, rikors numru 267/2011 GV, fejn dana t-Tribunal qal hekk: "*... fil-ktieb "Administrative Law" ta' H.W.R. Wade u C.F. Forsyth (10th Edition) ...jinghad illi the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. ... Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for a healthy discipline for all who exercise power over others. … In the leading case the House of Lords has said that: "The reasons for a decision must be intelligible and they must be adequate. They must enable the reader to understand why the matter was decided as it was and what conclusions were reached on the 'principal important controversial issues', disclosing how any issue of law or fact was resolved. ..*"
Ghalkemm dan il-principju gie enuncjat fil-kuntest tad-Dritt Amministrattiv Ingliz ma' hemmx dubju li japplika wkoll ghas-sistema nostrali u ghalkemm reasons *"can be briefly stated mill-awtorità pubblika koncernata u decision letters must be read in a straightforward manner, recognising that they are addressed to parties well aware of issues involved and arguments advanced,*" xorta huwa desiderabbli li f'kaz ta' molteplicità ta' ragunijiet li jistghu jwasslu lill-awtorità ghad-decizjoni taghha, ir-raguni specifika fuq liema dik id-decizjoni tkun ibbazata tigi debitament indikata." (enfasi tas-soċjetà konvenuta appellanta miżjud).

Illi jiġi sottomess illi għalkemm it-Tribunal ta raġun assolut lis-soċjetà konvenuta appellanta u illiberaħa minn kull ħtija u nuqqas, madanakollu fl-istess nifs ippenalizza lill-istess soċjetà konvenuta appellanta u dana sempliċiment a bażi tal-fatt illi fi stadji inizjali tal-kwistjoni s-soċjetà konvenuta appellanta purament bħala ġest ta' buona volonta lejn klijenti tagħha u sabiex tevita li tikber il-kwistjoni mal-klijenti tagħha ipprovat tirrisolvi l-kwistjoni billi għamlet offerta *mingħajr preġudizzju* liema offerta minnha nfisha ma hija qatt ammissjoni ta' ħtija jew nuqqas iżda biss esplorazzjoni ta' possibilità ta' ftehim bonarju

Illi ċertament tali deċiżjoni ma tistgħax titqies bħala li hija motivata minn raġuni speċifika u anżi tmur kontra l-konsiderazzjonijiet kollha li l-istess Tribunal isemmi fl-istess deċiżjoni tiegħu li wisq anqas tista' tiġi ikkunsidrata bħala "*intelligible*".

INTERPRETAZZJONI ĦAŻINA TA' KUNĊETT LEGALI

Illi t-tieni aggravju tas-soċjetà konvenuta appellanta huwa marbut mal-ewwel aggravju u huwa preċiżament dwar l-interpretazzjoni ħażina għal kollox tal-prinċipju legali ta' offerta "*mingħajr preġudizzju*" l-effetti u l-iskop ta' liema huma ben stabbiliti fil-liġi;

Illi l-prinċipju ta' "*mingħajr preġudizzju*" huwa ben stabillit u li jintuża b'ċertu frekwenza fil-kamp legali fi skambji bejn partijiet fi kwistjoni legali sabiex mingħajr ma l-ebda parti tammetti ħtija jew nuqqas, tiġi esplorata l-possibilità ta' transazzjoni mingħajr il-ħtiega ta' deċizjoni ta' qorti jew tribunal;

Illi bir-rispett kollu lejn l-Onorabbli Tribunal l-interpretazzjoni mogħtija minnhu lill-kunċett legali ta' "mingħajr preġudizzju" u l-użu ta' tali offerta bħala l-motivazzjoni għad-deċiżjoni hija kompletament zbaljata, mingħajr bażi fil-liġi u mhux legalment san, u inoltre tikkreja inċertezza konfużjoni u dubbji fil-kamp legali mingħajr bżonn, dwar kunċetti ben stabbiliti;

Illi tali raġunament tat-Tribunal joħloq preċedent perikoluż fejn offerti ta' "*mingħajr preġudizzju*" inkluż korrispondenza legali bejn partijiet magħmula "*mingħajr preġudizzju"* li sal-lum kienu isiru b'serħan tal-moħħ li l-istess offerti mhux ser jiddawru bħala ammissjoni ta' ħtija tal-parti li tkun għamilthom u/jew b'kull mod ieħor jippreġudikaw lil dik l-istess parti bħal ma ġara f'dana l-każ fejn is-soċjetà konvenuta appellanta ġiet kostretta tesegwixxi offerta ta' "*mingħajr preġudizzju*" minkejja li ma kellha l-edba ħtija fil-kwistjoni kif anke rikonoxxut mill-istess Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur fid-deċiżjoni tiegħu.

Illi bir-rispett kollu dovut lejn it-Tribunal huwa ferm diffiċli li wieħed jifhem id-deċizjoni minnu mogħtija u illi jikkunsidra l-istess bħala ġusta, aktar u aktar meta in addizzjoni l-istess soċjetà konvenuta appellanta ġiet ukoll kostretta tbati l-ispejjes ta' proċeduri li hija għamlet minn kollox sabiex tevita għajr li tissottometti ruħha għal pressjoni li saret fuqha mill-attur Denis Muscat li mill-provi prodotti jidher li huwa tal-ideja li s-soċjetà konvenuta appellanta għanda tħallas tan-nuqqasijiet tiegħu peress illi fil-fehma tieghu bħala soċjetà għamlet qliegħ globali tajjeb (*vide* korrispondenza (email) mibgħuta minnu fl-20 ta' Mejju 2011 li taqra "*The amount being claimed is more than just and reasonable and insignificant against the 9.3 billion profits made by the Company worldwide*"), liema argument bir-rispett kollu ma għandu x'jaqsam xejn u ma kellux u wisq aktar ma għandux jitqies bħala xi bażi għal pretensjoni ta' ħlas da parti ta' l-istess imsemmija atturi

Illi fid-dawl tas-suespost ma jistgħax jingħad li t-Tribunal osserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali fl-assjem tagħhom kif obbligat ai termini tal-Kapitolu 378 u tal-Kapitolu 490, u ma jistghax jingħad illi d-deċiżjoni hija waħda ta' ekwità u imparzjali kif meħtieg taħt l-artikolu 21 tal-kap. 378 tal-ligijiet ta' Malta u għalhekk għandha tiġi ddikjarata nulla;

Illi konsegwentement is-soċjetà konvenuta appellanta soffriet preġudizzju reali u materjali, liema preġudizzju huwa wieħed gravi u dan stante li minkejja illi in effett t-Tribunal esprima ruħu bħala konvint illi ma kien hemm l-

ebda ħtija jew nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta appellanta, u allura effettivament laqa' l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-istess soċjetà, tali konvinzjoni ma hijiex riflessa fid-deċiżjoni mogħtija u hemm inkostitenza cara u manifesta bejn il-fatti ikkunsidrati u l-konkluzzjonijiet magħmula, u d-deċiżjoni nfisha.

Għal dawn ir-ragunijiet kollha is-soċjetà appellanti qed titlob li d-deċiżjoni appellata mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur fit-30 ta' Mejju 2012, tigi revokata billi l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta jigu akkolta u konsegwentement it-talbiet tal-atturi konjuġi Muscat jigu michuda. Bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-atturi konjuġi Muscat.

Rat ir-risposta ta' Denis u Tania Konjugi Muscat għar-rikors ta' l-Appell tas-Soċjeta' Vodafone Malta Limited fejn gie sottomess:-

Illi primarjament, l-appell interpost huwa irritwali u improponibbli stante li l-aggravji tas-soċjeta' appellanta m'humiex ibbażati fuq id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi minn qari *prima facie* tar-rikors ta' l-appell jidher illi s-soċjeta appellanta qegħda tipprova ssejjes dan l-appell fuq id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 22(2)(ċ) tal-Kap. 378 tal-Liġijet ta' Malta. Dan l-Artikolu jistipola illi appell jista jsir:- *"meta t-tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.*" (Artikolu 22(2)(ċ) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta);

Illi din id-disposizzjoni għandha żewġ kriterji li jridu jigu sodisfatti mill-appellant sabiex appell bħal dak odjern jista' jirnexxi; l-ewwel kriterju huwa li t-Tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u (2) li dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella;

Illi għar-rigward ta' l-ewwel kriterjiu, din il-Qorti fis-sentenza Jean Schembri u Mary Borg vs Queen's Dry

Cleaners[1] irriteniet illi: "*Koncettwalment, gustizzja naturali tfisser l-applikazzjoni u l-harsien tal-principju baziku essenzjali tas-smiegh xieraq*" (sottolinear ta' l-esponent). Illi l-ksur biss ta' dan il-prinċipju, madanakollu, m'huwiex biżżejjed sabiex appell bħal dak odejrn ikun proponibbli, iżda huwa neċessarju li tali ksur ikun ippreġudika l-posizzjoni ta' l-appellant.

Illi bid-dovut rispett, l-ebda wieħed mill-aggravaji proposti mis-soċjeta' appellanta m'hu ibbażat fuq dawn il-kunċetti kif espressi; u għaldaqstant, l-appell odjern huwa improponibbli u għandu jiġi miċħud stante li ma jissodisfa l-ebda waħda mill-kriterji stabbiliti b'dan l-artikolu.

Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi sottomess illi f'kull stadju tal-proċeduri quddiem it-Tribunal *de quo*, is-soċjeta' appellanta kellha l-opportunita li tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha. Illi di fatti, is-soċjeta' appellanta approfittat ruħa minn din l-opportunita u ppreżentat ir-risposta tagħha quddiem it-Tribunal fil-31 ta' Ottubru 2011 kif ukoll għamlet sottomissjonijiet orali tagħha waqt is-smiegħ tal-kawża odjerna. Dan ikompli jikkonferma illi l-proċeduri quddiem it-Tribunal *de quo* kienu proċeduri sani u li rrispettaw il-prinċipju tal-ġustizzja naturali.

Illi jiġi sottomess li din il-Qorti tista tissindika l-apprezzament tat-Tribunal tal-Konsumatur biss f'dawk il-każi fejn jirriżulta li sar ksur tal-Artikolu 22(2)(ċ) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Johann Camilleri vs Ronald A. Cachia u Phoenicia Laundry and Dry Cleaning[2] fejn ġie ritenut illi "*It- Tribunal*

[1] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) datata l-10 ta' Jannar 2003.
[2] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) datata s-27 ta' Mejju 1999.

*ghamel l-apprezzam tieghu, u tajjeb jew hazin, din il-Qorti ma tistax tissindakah hlief jekk jirrizultalha li, effettivament, kienet saret it-tip ta' vjolazzjoni ta' principji ta' gustizzja naturali li ghalihom tirreferi l-ligi."*

Illi bid-dovut rispett, din il-Qorti m'hijiex komeptenti li tissindika deċiżjoni tat-Tribunal purament fuq il-mertu jew fuq xi konsiderazzjoni oħra li tmur lilhinn mid-disposizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi sottomess ukoll kuntrarjament għal dak allegat fir-rikors ta' l-appell, id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal hija waħda ben motivata u li tgħati lok ampju u ċar lil kull min hu interessat sabiex jifhem ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata d-deċide ta' l-istess tribunal. Illi l-artbitru m'huwiex marbut li jagħti motivazzjonijiet twal u dettaljati fid-deċiżjoni. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 23(2)(d) tal-Kap. 378 jistipola li l-Arbitru "*ma għandux joqgħod jagħti motivi imtawwlin dwar kif ikun wasal għad-deċiżjonijiet tiegħu, iżda jkun biżżejjed li jelenka d-dettalji ewlenin li jkun sejjes iddeċiżjoni tiegħu fuqhom;*" Illi jiġi sottomess illi d-deċiżjoni tat-Tribunal *de quo* tissodisfa ampjament dan il-kweżit legali;

Ghall-imsemmija ragunijiet l-appellati konjugi Muscat jissottomettu li l-appell tas-soċjeta appellanti għandu jiġi miċħud bl-ispejjez kontra l-istess.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-appell u d-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kif komplati mit-Tribunal ghal Talbiet tl-Konsumatur.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tl-partijiet.

Rat li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Dan hu appell minn sentenza tat-30 ta' Mejju 2012 ta’ t-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur. Dan l-appell gie interpost mis-socjeta’ konvenuta issa appellanti Vodafone Malta Limited. L-imsemmi Tribunal iddecieda l-kawza billi l-ewwel ikkonsidra li r-rikorrenti appellati ma ghamlu xejn biex, meta kienu barra minn Malta, jittantaw johorgu mis-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha meta appuntu kienu msiefrin stante li ma ppruvawx jikkomunikaw b’xi mod mas-socjeta’ illum appellanti. It-tribunal kompla jikkonsidra li ma kien hemm l-ebda nuqqas minn naha tas-socjeta' illum appellanti. Inoltre t-Tribunal innota li l-istess socjeta’ appellanti kienet offriet li tghaddi lill-appellati ammont ta’ flus bhala kumpens. Ghalhekk it-Tribunal ikkonkluda, nonostante li l-imsemmija offerta saret minghajr pregudizzju, billi laqa t-talba tar-rikorrenti appellati pero’ limitatament ghall-ammont offert mis-socjeta’ appellanti bla pregudizzju u cioe’ l-ammont ta’ mitejn disgha u hamsin euro (€259.00) u b’hekk gie ordnat lill-istess socjeta’ appellanti thallas lill-appellati l-imsemmija somma. It-tribunal ordna ukoll li kull parti thallas l-ispejjez taghha.

Is-socjeta’ appellanti intavolat il-presenti appell u qed titlob li l-imsemmija decizjoni appellata tigi revokata billi l-eċċezzjonijiet taghha jigu akkolti u konsegwentement it-talbiet tal-atturi appellati jigu michuda. Ghandu jigi nnotat li r-rikorrenti appellati, li t-talba taghhom giet biss milqughha in parti, ma appellawx.

L-aggravji tas-socjeta’ konvenuta appellanti huma tnejn (2). Hu necessarju ghall-finijiet ta’ din is-sentenza li fl-ewwel lok jigu elenkati l-fatti rilevanti li taw lok ghal din il-vetenza. L-appellati kienu accettaw offerti dwar servizzi telefonici offerti mis-socjeta’ appellanti. L-atturi jsostnu li qabel ma ffirmaw il-kuntratt relattiv gew assigurati li kienu ser jigu provduti b’servizz internazzjonali ta’ *mobile* u *internet* ossia ta’ *roaming* inkluż f’Costa Rica. Xi zmien wara l-appellati kienu fil-fatt marru l-imsemmi pajjiz fl-America Centrali minn fejn kellhom problemi biex jikkomunikaw ma Malta permezz tal-“mobile.” Huma kellhom probemi ukoll biex jikkomunikaw mal-“internet.”

L-istess apellati jammettu li huma ma ttentawx jikkomunkaw mas-socjeta’ appellanti fil-hin li kienu barra u kien biss ftit granet qabel ma temmew il-vjagg taghhom li huma avviċinaw lis-soċjetà konvenuta dwar il-problemi li kienu esperjenzjaw u talbuha tagħmel tajjeb għall-ispejjes minnhom inkorsi u li thallas id-danni, anke morali, li sofrew. Is-socjeta’ appellanti irrifjutat pero’ minnghajr pregudizzju u minnghajr ma ammettiet xi tort, offriet li thallas lill-appellati s-somma gia indikata. Din l-offerta giet rifjutata mill-appellati.

Fl-ewwel aggravju taghha s-socjeta’ appellanti tissottometti li t-Tribunal bl-imsemmija decizjoni tieghu mar kontra l-principji tal-gustizzja naturali. Dan l-aggravju jirrigwarda l-motivazzjonijiet tat-Tribunal sabiex wasal ghall-imsemmija decizjoni tieghu. L-appell, in effett, jirrigwarda d-decizjoni tat-Tribunal li ordna lis-socjeta’ appellanti li thallas lir-rikorrenti appellati s-somma li hi offriet li thallas, qabel ma nbdew dawn il-proceduri, lir-rikorrenti appellati minnghair pregudizzju u sabiex il-vertenza tigi transatta qabel ma jinbdew xi proceduri quddiem xi qorti jew quddiem xi tribunal.

Is-socjeta’ appellanti tissottolinea l-fatt li t-Tribunal iddikjara, fid-deċiżjoni tiegħu, li ma kien irizultalu ebda nuqqas li seta gie attribwit lis-socjeta’ appellanti u nonostante dan ghadda biex jikkundannha thallas l-imsemmija somma li kienet offriet li thallas minnghajr pregudizzju u inoltre kkundannha ukoll thallas l-ispejjes tagħha. Skond is-socjeta’ appellanti d-decizjoni in kwestjoni hi manifestament inġusta u tmur kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

Hu ormai issa stabbilit li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jinvolvu ukoll l- obbligu fuq min qed jiggudika li jimmotiva d-decizjoni billi jinghataw ir-raġunijiet b’mod koerenti u konsistenti ma’ dak li jkun gie premess u mal-konkluzjonijiet. Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti d-decicizjoni appellata tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur ghandha titqies li hi motivata skond kif trid il-ligi. In effett it-Tribunal irrepeta fid-decide li hu kien konsapevioli tal-fatt li

l-offerta in kwestjoni kienet saret minnghajr pregudizzju u bla ebda ammissjoni ta’ tort minn naha tal-appellanti, pero’ nonostante dan it-Tribunal xorta deherlu li s-socjeta’ Vodafone kellha tigi kkundannata thallas dik is-somma li kienet giet offerta minnha qabel ma gew inizjati l-presenti proceduri.

Din il-Qorti, kif presjeduta, kellha l-opporunita li f’appelli mid-decizjonijiert tal-istess Tribunal tikkonsidra li f’tali appelli hu necessarju li d-decizjoni appellata tigi analizzata fl-isfond tan-natura tal-azzjoni kif ukoll tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz. (Vide appell numru 7/12 fl-ismijiet Nicolette u Michael konjugi Spiteri Bailey vs Raymond Bajada u Metalfit Co Ltd.). Dan qed jinghad in vista tal-aggravju in ezami tas-socjeta’ appellanti.

Hawnhekk trid ukoll issir referenza ghall-provedimenti tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta’ Malta (Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur), li appuntu permezz tieghu gie kostitwit l-imsemmi Tribnal. L-artikoli rilevanti tal-imsemmi Kapitolu huma l-artikoli 21(1), 22(2)(c), 23(1) u 23(2)(d).

Skond dawn l-artikoli t-Tribunal ghandu essenzjalment l-istess setghat li ghandha l-Prim’Awla tal-Qorti Civili b’dan li l-arbitru, li jkun qed jippresjedi fuq il-procediment, ghandu s-setgha li jirregola l-procediment u jiddeciedi l-kwestjonijiet ukoll skond id-dettami tal-gustizja naturali, li, kif hu ben risaput, jinvolvu l-principji espressi bil-frasijiet “nemo judex in causa proprja” u “audi alteram parte.” Dawn, flimkien mal-imsemmi principju li d-decizjonijiet ghandhom ikunu motivati. huma il-kolonni li fuqhom hu bbazat it-twettiq tal-gustizzja naturali. L-arbitru ghandu jassigura li l-partijiet involuti fil-procediment jinghataw l-istess trattament u jkollhom l-istess drittijiet u fakoltajiet. Hu importanti li jigi nnotat li l-arbitru ghandu jiddeciedi l-kwestjonijiet skond il-ligi u skond l-ekwita’. Hemm ukoll il-possibilita’ ta’ appell meta l-arbitru ma jkunx osserva l-imsemmija principji tal-gustizzja naturali, kif appuntu hu il-kaz hawn. L-arbitru, fid-decizjoni tieghu, jista jillimita ruhhu li semplicement jirrileva l-bazijiet tal-konkluzjonijiet tieghu.

Kwantu ghat-tifsira tal-kelma “ekwita” din il-Qorti, fis-sentenza gia ctata, ghamlet referenza ghall-Kapitolu 380, li permezz tieghu gie mwaqqaf it-tribunal ghat-talbiet zghar li jista ukoll jiddeciedi “skond l-ekwita’.” Fis-sentenza tal-ahhar imsemmi Tribunal tad-19 ta’ Dicembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet “Marika Caruana vs Direttur Generali tal-Qorti tal-Gustizzja” t-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar wasal ghall-konkluzjoni li “l-ekwita’ ghandha ssegwi l-ligi u ghandha ukoll pero’ l-funzjoni specjali li tissupplimentaha fejn din hi nieqsa, billi taghti rimedju fejn hemm ir-raguni u b’mod li ssir gustizzja ma dak li jkun.”

L-ekwita’ ma tista qatt tissostitwixxi l-ligi u semmai tali pricipju ghandu jissupplimenta u jassisti l-ligi u ukoll, possibilment, jimmodera r-rigur tal-ligi dejjem bil-ghan li ssir gustizzja. Ghalhekk il-funzjoni fl-applikazzjoni tal-principju tal-ekwita’ fid-decizjonijiet ghandu jinstab bilanc bejn dak li hu skond il-ligi u dak li hu gust u ekwu. Tali bilanc jista forsi jintlahaq permezz tal-interpretazzjoni tal-provedimenti tal-ligi in kwestjoni kif ukoll fl-ghoti tar-rimedji relattivi.

Ghandu ukoll jigi rimarkat li, fil-kaz tat-Tribunal tal-Konsumatur, il-ligi trid li l-kawzi jipprocedu u jigu decizi bl-ispeditezza li hi konsoma man-natura tal-istess kawzi kif ukoll mal-amministrazzjoni tal-gustizzja. L-istess vertenzi ghandhom jigu decizi b’mod spedit u ghalhekk id-decizjoni relattiva m’ghandix tkun elaborata jew komplikata. Ghandha tkun tista tinftiehem facilment. Ghalhekk il-motivazzjonijiet possibilment ghandhom ikunu cari u koncisi u m’hemmx ghalfejn li jkunu komplicati u twal.

Inoltre ghandu jigi kkonsidrat jekk il-Qorti ta’ revizjoni tqix li d-decizjoni li wasal ghaliha t-Tribunal hi ekwa u gusta u b’hekk certi aggravji, bhal dak in ezami, jkunu jistghu jigu sorvolati.

Ghalhekk in vista ta’ dak kollu premess u bl-applikazzjoni tal-principji enuncjati u tal-provedimenti tal-ligi li gew citatati, din il-Qorti hi tal-opinjoni li d-decizjoni appellata hi motivata entro l-parametri stabbiliti mill-ligi u mill-istess principji. Minn naha l-ohra pero’ l-istess decizjoni

appellata ghandha titqies li tmur kontra l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal innifsu kif maghmula fl-istess decizjoni. It-Tribunal l-ewwel wasal ghall-konkluzjoni li s-socjeta’ appellanti ma kellha l-ebda responsabilita’ lejn l-appellati in vista ta’ dak li gralhom meta kienu msifrin. Inoltre id-decizjoni appellata ma tista qatt tigi kkonsidrata li hi ekwa u gusta. Ghalhekk l-ewwel agravju tal-appellanti jimmerita li jigi akkolt.

Ghalhekk stante li ser jigi akkolt l-ewwel aggravju m’hemmx ghalfejn li jigu ezaminati l-aggravji l-ohra tas-socjeta’ appellanti. Jista pero’ jinghad li jirrizulta li t-Tribunal ma kienx korrett fl-interpretazzjoni tal-kuncett legali ta’ offerta “mingħajr preġudizzju.” Meta l-partijiet f’vertenza, qabel ma jinbdew proceduri fil-Qorti jew anke fil-kors ta’ tali proceduri, jkunu qed jesploraw il-possibilità ta’ transazzjoni tali trattativi jkunu certament minnghajr ammissjoni minn naha ta’ xi wahda mill-partijiet ta’ responsabilita jew ta’ tort.

Kwindi t-Tribunal ghamel hazin meta uza l-kuncett legali marbut ma l-kliem “mingħajr preġudizzju” bħala motivazzjoni għad-deċiżjoni apellata. Inoltre huma korretti l-appellanti meta jissottomettu li l-mod kif gew interpretati l-kliem in kwestjoni jikkreja inċertezza, konfużjoni u dubbji legalment.

Jista jinghad li t-Tribunal mar kontra dak li hu ben stabbilit fil-ligi. Jidher li l-istess Tribunal kien konsapevoli tat-tifsira tal-kliem in kwestjoni pero’ xorta wahda wasal ghall-konkluzjoni li wasal ghaliha.

In vista ta’ dak kollu li gie premess dan l-appell jimmerita li jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi kollha tiddeciedi billi tilqa’ l-appell tas-socjeta’ appellanti u tirrevoka d-deċiżjoni appellata mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur fit-30 ta’

Mejju 2012, u fl-istess hin tilqa l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta kif sottomessi quddiem it-Tribunal u konsegwentement tichad it-talbiet tal-atturi konjuġi Muscat.

L-ispejjes taż-żewġ istanzi jithallsu mill-appellati konjuġi Muscat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------